DEĊIŻJONI (UE) 2021/1396 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-13 ta' Awwissu 2021

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/29 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 u (UE) 2016/2070 (BĊE/2021/39)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 u l-Artikolu 140(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord Superviżorju,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 ([3]) tistabbilixxi l-proċeduri li jikkonċernaw is-sottomissjoni lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta' dejta rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni fuq il-bażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([4]) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2070 ([5]).

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 ([6]) li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u jistabbilixxi standards ġodda fir-rigward tar-rapportar superviżorju li huma applikabbli mit-28 ta' Ġunju 2021.

(3) Fil-15 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/453 ([7]), li jispeċifika ulterjorment l-istandards ġodda fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq.

(4) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 tipprevedi l-ġbir u l-analiżi tal-kwalità tad-dejta rrapportata minn entitajiet taħt superviżjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 trid tipprevedi l-ġbir u l-analiżi tal-kwalità tad-dejta li għandha tiġi rrapportata mill-entitajiet taħt superviżjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453. Għalhekk, id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 għandha tiġi aġġornata biex tirrifletti l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453 biex jiġi żgurat li d-dejta rilevanti tiġi ppreżentata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-BĊE.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

([2]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

([3]) Deċiżjoni BĊE/2014/29 tat-2 ta' Lulju 2014 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 u (UE) 2016/2070 (ĠU L 214, 19.7.2014, p. 34).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1.).

([5]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2070 tal-14 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' mudelli, definizzjonijiet u soluzzjonijiet tal-IT li għandhom jintużaw mill-istituzzjonijiet meta jirrapportaw lill-Awtorità Bankarja Ewropea u lil awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 78(2) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 2.12.2016, p. 1).

([6]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).

([7]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/453 tal-15 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 3).

(5) Barra minn hekk, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni tal-EBA tat-23 ta' Settembru 2015 dwar ir-rapportar mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA (EBA/DC/2015/130) ([8]) bid-Deċiżjoni tal-EBA tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar ir-rapportar superviżorju mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA (EBA/DC/2020/334) ([9]). Dik id-deċiżjoni tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jissottomettu dejta ta' rapportar superviżorju u finanzjarju lill-EBA, fost oħrajn. Għal dan il-għan, id-Deċiżjoni tal-EBA EBA/DC/2020/334 tispeċifika d-dati ta' sottomissjoni għal dik id-dejta mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA.

(6) Barra minn dan, l-EBA ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni tal-EBA tal-31 ta' Mejju 2016 dwar dejta għal valutazzjoni komparattiva (*benchmarking*) superviżorja (EBA/DC/2016/156) ([10]) bid-Deċiżjoni tal-EBA tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar dejta għal valutazzjoni komparattiva superviżorja (EBA/DC/2020/337) ([11]). Dik id-deċiżjoni tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jissottomettu dejta ta' valutazzjoni komparattiva superviżorja lill-EBA. Għal dan il-għan, id-Deċiżjoni tal-EBA EBA/DC/2020/337 tispeċifika d-data ta' sottomissjoni għal dik id-*data* mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA.

(7) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 għalhekk għandha tiġi aġġornata wkoll biex jiġi żgurat li l-BĊE jirċievi dik id-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-ħin li l-BĊE mbagħad jissottometti lill-EBA skont id-Deċiżjonijiet tal-EBA EBA/DC/2020/334 u EBA/DC/2020/337.

(8) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 hija emendata kif ġej:

1. it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   'Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Lulju 2014 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni (BĊE/2014/29)';

2. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   '*Artikolu 1*

   Kamp ta' applikazzjoni

   Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Qafas tal-MSU, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-proċeduri li jikkonċernaw is-sottomissjoni lill-BĊE ta' dejta rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni fuq il-bażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2070 *[1],Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 *[2], u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/453 *[3].

---

*[1] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2070 tal-14 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-formoli, definizzjonijiet, u soluzzjonijiet tal-IT li għandhom jintużaw mill-istituzzjonijiet meta jirrapportaw lill-Awtorità Bankarja Ewropea u lil awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 78(2) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 2.12.2016, p. 1).

*[2] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).

*[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/453 tal-15 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 3).';

([8]) Disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.
([9]) Disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.
([10]) Disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.
([11]) Disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.

3. L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 3

Dati ta' rimessa

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jissottomettu lill-BĊE d-dejta msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453 u rrapportata lilhom mill-entitajiet taħt superviżjoni skont dan li ġej:

(a) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jissottomettu lill-BĊE dejta relatata mal-entitajiet li ġejjin sa 12 nofsinhar Ħin Ewropew Ċentrali (CET) *[4] fl-10 jum tax-xogħol wara d-dati ta' rimessa rilevanti msemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 20(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u d-dati ta' rapportar rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453:

(i) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti;

(ii) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li ma humiex parti minn grupp taħt superviżjoni;

(iii) entitajiet taħt superviżjoni li huma kklassifikati bħala sinifikanti skont il-kriterju tat-tliet istituzzjonijiet ta' kreditu l-iktar sinifikanti fl-Istat Membru tagħhom u li jirrapportaw fuq bażi konsolidata jew fuq bażi individwali, jekk mhumiex meħtieġa jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata;

(iv) entitajiet taħt superviżjoni oħrajn li jirrapportaw fuq bażi konsolidata jew fuq bażi individwali, jekk ma jkunux meħtieġa jirrapportaw fuq bażi konsolidata, li huma "L-akbar Istituzzjonijiet fl-Istat Membru" kif definit fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-EBA tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar ir-rapportar superviżorju mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA (EBA/DC/2020/334) *[5];

(b) fejn il-punt (a) ma japplikax, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jissottomettu lill-BĊE dejta relatata mal-entitajiet li ġejjin sa 12 nofsinhar CET fil-25 jum tax-xogħol wara d-dati ta' rimessa rilevanti msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 u d-dati ta' rapportar rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453:

(i) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni;

(ii) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni.

2. Awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jirrapportaw lill-BĊE id-dejta msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070 skont dan li ġej:

(a) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta relata għall-entitajiet li ġejjin sa 12 nofsinhar CET fl-10 jum tax-xogħol wara d-dati ta' rimessa rilevanti msemmija fid-dispożizzjoni rilevanti għal kull partita tad-dejta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070:

(i) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti;

(ii) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li ma humiex parti minn grupp taħt superviżjoni;

(iii) entitajiet taħt superviżjoni li huma kklassifikati bħala sinifikanti skont il-kriterju tat-tliet istituzzjonijiet ta' kreditu l-iktar sinifikanti fl-Istat Membru tagħhom u li jirrapportaw fuq bażi konsolidata jew fuq bażi individwali, jekk mhumiex meħtieġa jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata;

(iv) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li jirrapportaw fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stati Membri parteċipanti sa fejn ikunu l-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Unjoni u entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li jirrapportaw fuq bażi individwali jekk ma jkunux parti minn grupp taħt superviżjoni, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni EBA/DC/2020/337 tal-EBA;

(b) Fejn il-punt (a) ma japplikax, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta relatata mal-entitajiet li ġejjin sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol fil-25 jum tax-xogħol wara d-dati ta' rimessa rilevanti msemmija fid-dispożizzjoni rilevanti għal kull partita tad-dejta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070:

(i) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni;

(ii) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni.

_____

*4 CET jieħu inkunsiderazzjoni l-bidla fil-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali.

*5 Disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.';

4. jiddaħħal l-Artikolu 7b li ġej:

'*Artikolu 7b*

L-ewwel rappurtar wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1396 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/39)

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jissottomettu d-dejta rrapportata lilhom skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2070, Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451, u Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/453 skont id-Deċiżjoni (UE) 2021/1396 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/39) * li tibda bl-ewwel dati ta' ta' rimessa jew ta' rapportar li jseħħu wara li dik id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

_____

* Deċiżjoni (UE) 2021/1396 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Awwissu 2021 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/29 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapporata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 u (UE) 2016/2070 (BĊE/2021/39) (ĠU L 300, 24.8.2021, p.74).'.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri partecipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Awwissu 2021.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE